# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1120/10/2 MCH**

**Middlesea Insurance p.l.c. illum Mapfre Middlesea p.l.c.**

**v.**

**Emanuel Ċiantar; u b'digriet tas-16 ta' Jannar, 2012, intervjenew fil-proċeduri *in statu et terminis* il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u *Motor Insurers' Bureau***

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-Rikors imressaq mill-intervenuti fil-kawża Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u *Motor Insurers' Bureau* (minn issa 'l hemm imsejħin "ir-rikorrenti") fit-28 ta' Lulju, 2020, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija minnha fis-27 ta'

Marzu, 2020, fil-kawża fl-ismijiet premessi (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza attakkata") u terġa' tisma' l-appell tagħhom mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Frar, 2014, għall-finijiet tal-Artikoli 811(e), 811(f) u 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Il-kumpanija attriċi appellata (minn issa 'l hemm imsejħa "r-ritrattata") ressqet Nota fl-20 ta' Awwissu, 2020[1], li biha ddikjarat li kienet "taqbel mal-pożizzjoni u mat-talba tal-intervenuti fil-kawża" u li għalhekk ma kinitx sejra tressaq risposta f'din il-kawża lil hinn min-Nota msemmija u ssottomettiet li ma kellhiex tbati spejjeż ġudizzjarji;

3. Rat in-Noti tal-1 ta' Frar, 2021[2] li bihom is-Sinjurija Tiegħu l-Prim Imħallef Mark Chetcuti u l-Onorevoli Mħallfin Giannino Caruana Demajo u Anthony Ellul astjenew milli jibqgħu fil-kawża minħabba li tal-ewwel kien ta s-sentenza fl-ewwel istanza, filwaqt li dawn kienu l-imħallfin komponenti din il-Qorti li taw is-sentenza attakkata u r-raġunijiet tar-ritrattazzjoni mressqa mir-rikorrenti jiġġustifikaw tali astensjoni;

4. Rat is-surroga tat-2 ta' Frar, 2021[3], li biha twaqqfet din il-Qorti kif issa komposta;

---

[1] Paġ. 271A tal-proċess
[2] Paġġ. 275 – 7 tal-proċess
[3] Paġ. 352 tal-proċes

5. Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi maqtugħa minn din il-Qorti fis-27 ta' Marzu, 2020;

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tad-9 ta' Frar, 2021, f'liema data ħalliet ir-Rikors għal-lum għas-sentenza *in rescindente*;

***Ikkonsidrat:***

7. Illi dan huwa rikors għar-ritrattazzjoni tas-sentenza attakkata mogħtija minn din il-Qorti diversament komposta li permezz tagħha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-appell tar-rikorrenti u laqgħet l-appell inċidentali tar-ritrattata minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Frar, 2014, li kienet laqgħet it-talbiet tal-attriċi ritrattata u sabet li l-poloz ta' assikurazzjoni maħruġin minnha favur l-imħarrek Emanuel Ċiantar inkisbu b'qerq u għalhekk ma jiswewx quddiemu;

8. Illi r-rikorrenti jħossu li hemm lok tar-ritrattazzjoni tal-imsemmi appell fuq is-saħħa ta' dak maħsub fil-paragrafi (e), (f) u (l) tal-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Illi biex is-sentenza tallum tinftiehem aħjar, il-Qorti jidhrilha xieraq li ġġib il-parti rilevanti tas-sentenza attakkata;

10. Illi dik is-sentenza tgħid hekk:

*"7. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:*

*»… … … prevja li tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-intimat dwar il-preskrizzjoni tat-talba attriċi, in kwantu l-vettura Peugeot Partner HBD-096, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat u tal-intervenuti fil-kawża, tilqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti b'dan li l-poloz qed jitħassru għal dak li jikkonċerna r-relazzjoni interna bejnha u l-intimat Ciantar.*

*»Bl-ispejjeż kontra l-intimat Ciantar ħlief għal dawk tal-intervenuti fil-kawża li għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.«*

*"8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:*

*»Illi, skont is-soċjetà rikorrenti, dina l-kawża qed issir abbażi tas-sub-artikolu 3 tal-artikolu 10 tal-Kap. 104, l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni:*

*»"Ebda somma ma jkollha titħallas mill-assiguratur awtorizzat taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, jekk, f'kawża mibdija qabel, jew fi żmien tliet xhur wara, li jinbeda l-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza, hu jkun ħa dikjarazzjoni illi, apparti mid-disposizzjonijiet tal-polza, huwa għandu jedd li jannullaha minħabba li kienet ittieħdet bil-ħabi ta' fatt sostanzjali jew billi ġie rappreżentat fatt li kien falz f'xi partikolarità sostanzjali, jew, jekk ikun annulla l-polza għal dik ir-raġuni, illi kellu jedd li jagħmel hekk apparti mill-kondizzjonijiet tagħha."*

*»… … …*

*»**Eċċezzjonijiet tal-intimat Ciantar***

*»Illi fl-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Ciantar, kuntrarjament għal dak eċċepit minnu, l-assigurat (name of proposer) fuq il-polza tal-karozzi huwa ta' Emanuel Ciantar u mhux il-kumpanija Maxkim Ltd. Din l-eċċezzjoni għalhekk hija infondata u qed tiġi miċħuda.*

*»Fit-tieni eċċezzjoni l-intimat isostni li għal dik li jirrigwarda l-polza ta' assigurazzjoni tal-Partner Peugeot HBD-096 il-kuntratt skada fl-1 ta' Settembru 2010 u konsegwentement it-talba relativa għalih lanqas*

*tista' tiġi milqugħa. Illi l-intimat m'għandux raġun lanqas f`dina l-eċċezzjoni. Is-soċjetà rikorrenti qed tattakka l-validità tal-polza ta' assigurazzjoni għal perjodu li dina kienet viġenti fil-perjodu bejn 1 ta' Settembru 2009 u 1 ta' Settembru 2010 billi qed tgħid li kien hemm non-disclosure of material facts. L-inċident li fih kienu ġew imtajra t-tewmin gara fit-28 ta' April 2010 u għalhekk is-soċjetà rikorrenti jista' jkollha interess li ssostni li l-polza ma kinitx valida fid-data tal-inċident.*

*»Fit-tielet eċċezzjoni l-intimat qed isostni li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni falza da parti la tal-konvenut personalment u lanqas tiegħu in rappreżentanza tal-istess kumpanniji. Illi kif ġà ngħad il-poloz ħarġu fuq isem Emanuel Ciantar u mhux fuq il-kumpanija, u inoltre jirriżulta b'mod lampanti li saru dikjarazzjonijiet foloz mill-intimat.*

*»Fl-aħħar eċċezzjoni tiegħu l-intimat igħid li għal dak li jirrigwarda l-Peugeot Partner HBD-096 l-azzjoni hija perenta skont il-proviso tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104.*

*»Illi l-qorti rat l-proviso tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 u fin-nuqqas ta' indikazzjoni ċara mill-intimat għal liema terminu ta' preskrizzjoni jew dekadenza l-intimat qed jirreferi dina l-qorti ma tistax tiddeċiedi fuq l-eċċezzjoni tiegħu. Jiġi rilevat, għal kull buon fini, li sal-preżentata ta' dina l-kawża ma kienet giet ipprezentata ebda kawża kontra l-assigurat Emanuel Ciantar. Ir-rikorrenti invece qabel fetħet dina l-kawża kontra l-intimat kienet ippreżentat ittra uffiċjali kontra l-konjuġi Falzon, il-ġenituri tat-tewmin, wara li kienet irċeviet protest ġudizzjarju mingħandhom u dana ai termini tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104.*

*»Din l-eċċezzjoni wkoll qed tiġi miċħuda.*

*»**Eċċezzjonijiet intervenuti fil-kawża***

*»L-intervenuti fil-kawża eċċepew illi għar-rigward tal-ewwel u t-tieni talba attriċi s-soċjetà attriċi trid iġġib prova ta' dak minnha allegat u trid tipprova ukoll li ġew sodisfatti r-rekwiziti sanċiti fl-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi fil-każ in eżami dina l-qorti diġà ddeċidiet li s-soċjetà rikorrenti ġabet prova ta' dak minnha allegat u għalhekk għandha dritt tannulla l-poloz ta' assigurazzjoni in kwistjoni.*

*»Fit-tieni eċċezzjoni tagħhom l-intervenuti jsostnu li t-tielet talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda stante illi s-soċjetà attriċi hija obbligata fil-liġi li tħallas id-danni lit-terzi anki jekk jirriżulta illi l-polza minnha maħruġa għar-rigward tal-vettura HBD-096 hija nulla għax ittieħdet bil-ħabi ta' fatt materjali kif allegat mis-soċjetà attriċi. Tant hu hekk illi r-regolament 24(2)(b) tal-Avviz Legali 435 tal-2003 jistipula illi "assiguratur huwa l-assiguratur konċernat*

*minkejja illi l-assigurazzjoni kienet inkisbet bi frodi, bl-għoti ta' informazzjoni ħażina, bil-ħabi ta' fatti materjali, jew bi żball".*

*»Illi f'dina l-kawża t-tielet talba attriċi taqra hekk:*

*»"Tiddikjara illi ebda somma ma jkollha titħallas mis-soċjetà rikorrenti a tenur tal-poloz ta' assigurazjoni maħruġa mis-soċjetà rikorrenti favur l-intimat, rispettivament bin-numru ta' referenza PC3613135001, CV3713135002, u CV3713135001, u maħruġa a tenur tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta)."*

*»Illi f'dina l-eċċezzjoni l-intervenuti qed isostnu li nonostante dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 is-soċjetà rikorrenti bħala assiguratur tal-intimat tibqa' responsabbli għal ħlas tal-ħsarat kaġjonati lit-terzi mill-assigurat tagħha nonostante li l-polza ġiet dikjarata nulla mill-qorti minħabba non-disclosure of a material fact u dana abbażi tar-regolament 24(2)(b) tal-Avviż Legali 435/2003 kwotat mill-intervenuti fl-istess eċċezzjoni tagħhom.*

*»Illi jibda biex jingħad li l-artikolu 10 tal-Kap. 104 jipprovdi fl-ewwel subinċiż li l-assigurazzjoni għandha tkopri lill-assigurat fil-konfront ta' terz danneġġjat:*

*»"(1) Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun ħadet il-polza, tiġi mogħtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbiltà li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbiltà koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-każ, għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta' flus li għandha titħallas bis-saħħa ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbiltà fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b'att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista' tiġi enforzata kontra tiegħu."*

*»F'dan il-każ l-intervenuti kien ikollhom raġun igħidu li s-soċjetà rikorrenti hija responsabbili li tħallas id-danni kaġonati lit-terz kieku kienet tapplika din id-disposizzjoni tal-liġi biss. Iżda dan is-subinċiż huwa soġġett għal dak li jinsab ukoll ipprovdut fit-tielet subinċiż tal-istess artikolu 10 li jgħid hekk:*

*»"(3) Ebda somma ma jkollha titħallas mill-assiguratur awtorizzat taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, jekk, f'kawża mibdija qabel, jew fi żmien tliet xhur wara, li jinbeda l-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza, hu jkun ħa dikjarazzjoni illi, apparti mid-disposizzjonijiet tal-polza, huwa għandu jedd li jannullaha minħabba li kienet ittieħdet bil-ħabi ta' fatt sostanzjali jew billi ġie rappreżentat fatt li kien falz f'xi partikolarità sostanzjali, jew, jekk ikun annulla l-polza għal*

*dik irraġuni, illi kellu jedd li jagħmel hekk apparti mill-kondizzjonijiet tagħha:*

*»Iżda, assiguratur awtorizzat li jkun ħa f'kawża d-dikjarazzjoni kif jingħad hawn fuq ma jkollux b'daqshekk il-jedd għall-benefiċċju ta' dan is-subartikolu dwar sentenza meħuda fi proċediment mibdi qabel ma tkun bdiet dik il-kawża, kemm-il darba qabel jew fi żmien sebat ijiem wara li tibda dik il-kawża hu ma jkunx ta avviż tagħha b'att ġudizzjarju lill-persuna li tkun l-attriċi f'dak il-proċediment billi jispeċifika l-ħabi jew ir-rappreżentazzjoni falza li huwa bi ħsiebu jibbaża ruħu fuqhom, u kull persuna li tiġi mogħtija avviż ta' dik il-kawża jkollha l-jedd, jekk trid, li ssir parti fiha."*

*»Illi fil-każ in eżami ladarba ġie ppruvat li l-intimat ħeba fatti sostanzjali l-polza setgħet tiġi annullata u l-effett kien dak ravviżat mill-artikolu 10(1) moqri flimkien mal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 li l-assigurazzjoni mhijiex tenuta tħallas lit-terz.*

*»Il-qorti ma ssib ebda diskrepanza jew konflitt bejn dak li tipprovdi l-liġi ġenerali u dak li hemm ipprovdut fil-liġi speċjali 24(2)(b) tal-Avviż Legali 435/2003. Taħt dina l-liġi speċjali hemm provdut taħt liema ċirkostanzi l-assigurazzjoni tibqa' kkunsidrata bħala l-'assigurazzjoni konċernata' u fost ċirkostanzi oħra tindika: "Assiguratur huwa l-assiguratur konċernat minkejja illi l-assigurazzjoni kienet inkisbet bi frodi, bl-għoti ta' informazzjoni ħażina, bil-ħabi ta' fatti materjali, jew bi żball". Illi kif l-artikolu 10(1) irid jinqara fid-dawl tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104, ir-regolament 24(2)(b) irid jinqara wkoll fid-dawl tal-istess artikolu 10(3) li jipprovdi espressament għal dak li għandu jiġri meta jkun hemm ħabi ta' fatt materjali. Għalhekk dan ifisser li jekk l-assigurazzjoni ma tottjeniex dikjarazzjoni a tenur tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 bir-rekwiżiti hemm imposti biex tirnexxi l-eċċezzjoni taħt l-artikolu 10(3), allura skond ir-regolament 24 imsemmi l-assigurazzjoni tibqa' kkunsidrata bħala l-'assigurazzjoni konċernata'. Dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 10(3) għandu jiġi kkunsidrat bħala l-eċċezzjoni għal dak li jipprovdi l-artikolu 10(1) u r-regolament 24(2)(b) tal-Avviż Legali 435/2003. Għalhekk ma hemmx diskrepanza bejn dawn iż-żewġ provedimenti tal-liġi.*

*»Isegwi li jekk l-assigurazzjoni ma tiħux azzjoni jew azzjoni mhux għat-termini eżatti tal-artikolu 10(3) minkejja l-ħabi ta' fatt materjali, hija tibqa' responsabbili għall-ħlas fil-konfront tat-terz u tibqa' l-assigurazzjoni konċernata. Iżda meta, bħal fil-każ preżenti, is-soċjetà rikorrenti ħadet passi skont l-artikolu 10(3) u l-azzjoni hija bbażata fuq dan l-artikolu tal-liġi u ppruvat ir-rekwiżiti biex tmexxi l-azzjoni taħt dak l-artikolu, allura l-assigurazzjoni ma tkunx responsabbli għal ħlas tad-danni lit-terz jekk fil-fatt jinstab li l-assigurazzjoni inkisbet bi frodi, għoti ta' informazzjoni ħazina, ħabi ta' fatt materjali jew żball.*

*»Din l-eċċezzjoni għalhekk qiegħda tiġi miċħuda.*

*»Fit-tielet eċċezzjoni tagħhom l-intervenuti qed jeċċepixxu wkoll illi għar-rigward tat-tielet talba attriċi l-ġudizzju mhux integru billi l-persuni li lilhom is-soċjetà attriċi qed tippretendi li ma tħallasx id-danni kkawżati mill-vettura minnha assigurata bin-numru HBD-096 ma humiex parti fil-kawża, u għalhekk d-dikjarazzjoni li qed tippretendi li tieħu s-soċjetà attriċi permezz tat-tielet talba attriċi hija legalment insostenibbili u għandha tiġi miċħuda minn dina l-qorti.*

*»Illi t-tielet talba attriċi hija fis-sens li hemm talba għal-dikjarazzjoni li ebda somma ma jkollha titħallas mis-soċjetà rikorrenti a tenur tal-poloz ta' assigurazjoni maħruġa mis-soċjetà rikorrenti favur l-intimat. Illi dak li qed titlob is-soċjetà rikorrenti jirrigwarda r-relazzjoni ġuridika interna bejnha u l-intimat u fir-rigward tat-terz is-soċjetà rikorrenti imxiet skont ma' titlob il-liġi u nnotifikathom bl-ittra uffiċjali u dan ai termini tal-artikolu 10(3). L-ittra uffiċjali ġġib id-data tas-27 ta' Settembru 2010 u ġiet notifikata lill-konjuġi Falzon.*

*»Dina l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda wkoll.«*

*"9. L-intervenuti appellaw b'rikors tas-7 ta' Marzu 2014 u Middlesea wieġbet, u ressqet appell inċidentali, fit-3 ta' April 2014. B'nota tal-14 ta' April 2014 Ciantar qal li jaqbel mal-appell tal-intervenuti.*

*"10. Nibdew bl-appell ewlieni. L-ewwel aggravju jgħid hekk:*

*»Illi għalkemm dik il-parti tad-decide tas-sentenza appellata li tgħid li l-poloz ta' assigurazzjont maħruġa mis-soċjetà attriċi qed jitħassru biss "għal dak li jikkonċerna r-relazzjoni interna bejnha u l-intimat Ciantar" hija korretta u hija fil-fatt il-posizzioni avvanzata mill-esponenti f'din il-kawża, l-ewwel onorabbli qorti kienet żbaljata meta laqgħet it-tielet talba attriċi u ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-intervenuti fil-kawża a bażi ta' interpretazzjoni għalkollox żbaljata tal-liġi speċjali tal-motor insurance intiża sabiex tipproteġi l-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku. Dan għaliex, kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, il-posizzjoni legali fil-kamp speċjali tal-motor insurance hija li minkejja li l-assiguratur jista' jannulla polza ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba l-ħabi ta' fatt materjali mill-assigurat, l-assiguratur jibqa' obbligat li jħallas lill-vittmi ta' inċidenti minħabba l-obbligu separat impost fuqu ex lege bħala "insurer concerned" ai termini tar-regolament 24(2)(b) tal-Avviż Legali 435 tal-2003 li jistipula biċ-ċar illi "assiguratur huwa l-assiguratur konċernat minkejja illi l-assigurazzjoni kienet inkisbet bi frodi, bl-għoti ta' informazzjoni ħazina, bil-ħabi ta' fatti materjali, jew bi żball". Dan ir-regolament sar proprju sabiex jagħti saff ta' protezzjoni ieħor lill-vittmi, iżda bl-argumentazzjoni tal-ewwel qorti din il-protezzjoni żejda sfumat proprju fix-xejn, u l-istess provvediment seta' ma nkiteb qatt. Kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel qorti, ir-regolament 24(2)(b) tal-Avviż Legali 435 tal-2003 ma jgħidx illi l-assiguratur ma jibqax "insurer concerned" jekk huwa jagħmel il-kawża taħt l-artikolu 10(3) tal-Kap.*

*104 iżda jgħid li l-assiguratur huwa "insurer concerned" kull meta l-polza tinkiseb bi frodi, bl-għoti ta' informazzjoni ħażina jew bil-ħabi ta' fatti materjali bħal ma ġara fil-każ de quo. Apparti minn hekk, il-konklużjoni tal-ewwel qorti li s-soċjetà attriċi appellata hija intitolata ma tħallas xejn lill-vittmi għax għamlet kawża taħt l-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 tmur kontra s-sentenza preċedenti tal-istess qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Montaldo Insurance Agency Ltd noe v. Christian Bugeja deċiża fit-20 ta' Lulju 2013. Hija ukoll djametrikament opposta għad-duttrina ingliża dwar il-liġi ingliża (li hija bħal-liġi maltija f'dan ir-rigward) li tagħmilha ċara illi, anke fejn issir kawża għat-tħassir tal-polza, l-assiguratur jibqa' tenut iħallas lill-vittmi, u s-sentenza appellata ma kkonsidrat xejn u ma ttrattatx (tant li lanqas biss semmiethorn) il-varji sottomissjonijiet li saru fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-esponenti dwar din il-kwistjoni.«*

*"11. Huwa minnu illi ċ-ċaħda tat-tielet eċċezzjoni u d-deċiżjoni illi l-poloz jitqiesu mħassra biss għal dak li jinteressa r-relazzjoni interna bejn Middlesea u Ciantar (u mhux ukoll quddiem il-vittmi) ma humiex kompatibbli ma' xulxin. Il-kwistjoni issa hi liema parti minn dawn iż-żewġ deċiżjonijiet inkompatibbli ma' xulxin hija korretta.*

*"12. Jingħad qabel xejn illi l-preokkupazzjoni tal-intervenuti dwar l-interessi tal-vittmi mhux biss hija barra minn postha – għax l-interessi li qegħdin ifittxu li jħarsu huma l-interessi tagħhom stess u mhux dawk tal-vittmi – iżda wkoll hija bla bażi għax il-liġi, kemm dik domestika u kemm dik ewropea, iħarsu dawk l-interessi għax iridu li f'kull każ ikun hemm assiguratur li jagħmel tajjeb għad-danni, u l-kwistjoni hija biss jekk dak l-assiguratur ikunx is-soċjetà attriċi bħala "assiguratur konċernat" jew ikunux l-intervenuti stess bħala l-korp responsabbli għall-għoti ta' kumpens imwaqqaf taħt l-art. 49 tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni ["Kap. 403"] kif irid l-art. 10 tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà ["id-Direttiva 2009/103/KE"]. L-interessi tal-vittmi huma f'kull każ imħarsa u ma hemmx għalfejn tintilef is-serenità tal-ġudizzju minħabba f'hekk.*

*"13. L-argument tal-intervenuti huwa msejjes fuq ir-reg. 24(2)(b) tar-Regolamenti dwar il-Fond għall-Protezzzjoni u Kumpens ["L.S. 403.13" jew "ir-Regolamenti"], li huma leġislazzjoni sussidjarja:*

> *»**24**. (1) Bla ħsara u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-regolament, "l-assiguratur konċernat"' tfisser dak l-assiguratur li kien fiż-żmien tal-inċident li kkawża ir-responsabbiltà ċivili qiegħed jipprovdi assigurazzjoni kontra responsabbiltà bħal din għar-rigward tal-vettura li b'kawża tal-użu tagħha ġiet inkorsa r-responsabbiltà tad-debitur.*
>
> *»(2) Assiguratur huwa l-assiguratur konċernat minkejja illi –*
>
> *»… … …*

*»(b) l-assigurazzjoni kienet inkisbet bi frodi, bl-għoti ta' informazzjoni ħażina, bil-ħabi ta' fatti materjali, jew bi żball;«*

*"14. Dan ifisser illi l-fatt waħdu li l-assigurazzjoni inkisbet b'qerq, etc. ma jeħlisx lill-assiguratur mir-responsabbiltà. Il-kwistjoni iżda hija jekk l-assiguratur jibqax responsabbli wkoll jekk il-polza tkun tħassret ġudizzjarjament. It-tweġiba nsibuha fl-art. 10 tal-Kap. 104 li huwa d-disposizzjoni tal-liġi li toħloq ir-responsabbiltà tal-assiguratur quddiem terzi:*

*»**10.** (1)Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 4(4) lill-persuna li tkun ħadet il-polza, tiġi mogħtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbiltà li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbiltà koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-każ, għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta' flus li għandha titħallas bis-saħħa ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbiltà fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b'att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista' tiġi enforzata kontra tiegħu.*

*»… … …*

*»(3)Ebda somma ma jkollha titħallas mill-assiguratur awtorizzat taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, jekk, f'kawża mibdija qabel, jew fi żmien tliet xhur wara, li jinbeda l-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza, hu jkun ħa dikjarazzjoni illi, apparti mid-disposizzjonijiet tal-polza, huwa għandu jedd li jannullaha minħabba li kienet ittieħdet bil-ħabi ta' fatt sostanzjali jew billi ġie rappreżentat fatt li kien falz f'xi partikolarità sostanzjali, jew, jekk ikun annulla l-polza għal dik irraġuni, illi kellu jedd li jagħmel hekk apparti mill-kondizzjonijiet tagħha:*

*»Iżda, assiguratur awtorizzat li jkun ħa f'kawża d-dikjarazzjoni kif jingħad hawn fuq ma jkollux b'daqshekk il-jedd għall-benefiċċju ta' dan is-subartikolu dwar sentenza meħuda fi proċediment mibdi qabel ma tkun bdiet dik il-kawża, kemm-il darba qabel jew fi żmien sebat ijiem wara li tibda dik il-kawża hu ma jkunx ta avviż tagħha b'att ġudizzjarju lill-persuna li tkun l-attriċi f'dak il-proċediment billi jispeċifika l-ħabi jew ir-rappreżentazzjoni falza li huwa bi ħsiebu jibbaża ruħu fuqhom, u kull persuna li tiġi mogħtija avviż ta' dik il-kawża jkollha l-jedd, jekk trid, li ssir parti fiha."«*

*"15. Sewwa qalet l-ewwel qorti illi ma hemm ebda konflitt bejn id-disposizzjonijiet tal-art. 10 tal-Kap. 104 u dawk tar-reg. 24 tar-Regolamenti. Ir-reg. 24 japplika għalkemm il-polza tkun tista' titħassar sakemm ma tkunx tħassret bis-saħħa ta' sentenza għar-raġunijiet imsemmija fl-*

*art. 10. Ukoll li kien hemm konflitt, il-leġislazzjoni ewlenija kienet tegħleb dik sussidjarja, iżda, kif ingħad, konflitt ma hemmx.*

*“16. L-art. 10 ma jagħtix biss dritt li titħassar il-polza iżda wkoll id-dritt illi “ebda somma ma jkollha titħallas mill-assiguratur”. Dan il-kliem jibqa’ bla effett fl-interpretazzjoni li jridu l-intervenuti, u hija massima ta’ interpretazzjoni tajba li kull kelma fil-liġi tingħata tifsira u effett. Interpretazzjoni tar-reg. 24 li ma tqisx ukoll l-art. 10 hija interpretazzjoni ħażina.*

*“17. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.*

*“18. L-intervenuti iżda igħidu illi dan huwa bi ksur tal-leġislazzjoni ewropea, li tegħleb lil dik domestika, ukoll jekk din tkun leġislazzjoni ewlenija u mhux biss sussidjarja:*

> *»Illi l-argumentazzjoni tal-ewwel onorabbli qorti li s-soċjetà attriċi mhix obbligata tħallas lill-vittmi tal-inċidenti awtomobilistiċi fejn taghmel kawża taht l-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 tikkostitwixxi wkoll ksur tal-obbligi tal-assiguraturi taht id-Direttivi tal-Motor Insurance tal-Unjoni Ewropea kif interpretati mil-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, u bl-interpretazzjoni tagħha l-ewwel onorabbli qorti kisret l-obbligu tagħha li tinterpreta l-liġi maltija b’mod konsistenti mad-dritt ewropew f’din il-materja. In konformità mal-obbligu tagħha li tinterpreta l-liġi maltija skond id-direttivi, l-ewwel onorabbli qorti kellha tiċħad it-tielet talba attriċi u bl-ebda mod ma kellha tgħid illi s-soċjetà attriċi “mhijiex tenuta tħallas lit-terz”.«*

*“19. L-intervenuti jistrieħu fuq interpretazjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każ <u>Churchill Insurance Company and Evans</u> fejn il-qorti qalet hekk:*

> *»Fir-rigward tad-drittijiet rikonoxxuti lil tali terzi vittmi, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva jipprekludi li l-assiguratur tar-responsabbiltà ċivili tal-vetturi jinvoka d-dispożizzjonijiet legali jew klawżoli kuntrattwali sabiex jirrifjuta li jikkumpensa lil dawn tal-aħħar għal inċident ikkawżat mill-vettura assigurata tiegħu.«*[4]

*“20. L-“Ewwel Direttiva” – id-Direttiva 72/116/KEE li ma għadhiex fis-seħħ – ma kinitx taħseb għal korp responsabbli għall-għoti ta’ kumpens, u għalhekk kien meħtieġ li l-assiguratur jibqa’ responsabbli biex il-vittma ma jibqax skopert. Taħt id-Direttiva 2009/103/KE viġenti llum, li jaħseb għall-ħolqien ta’ korp bħal dak, ma hemmx dak il-biża’. Dak li trid il-leġislazzjoni ewropea hu illi jkun hemm min jagħmel tajjeb għad-danni li jġarrab il-vittma, u mhux li bilfors ikun l-assiguratur konċernat meta dan taħt il-liġi jista’ jeħles mir-responsabbiltà. Ir-reg. 25 tal-L.S. 403.13 fil-fatt jaħseb għal meta “ma jkunx hemm fis-seħħ polza ta’ assigurazzjoni” jew “jekk din il-polza ma jkollhiex seħħ” – ukoll għax tkun tħassret bis-saħħa tal-art. 10 tal-Kap. 104 – u jgħid hekk:*

[4] Każ C-442/10, para. 33.

*»**25.** (1) Meta deċiżjoni għar-rigward ta' xi responsabbiltà ċivili li tkun meħtieġa li tkun koperta minn polza ta' assigurazzjoni taħt leġislazzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja tkun inkisbet kontra xi persuna jew persuni u, kemm jekk fiż-żmien tal-inċident li jikkaġuna din ir-responsabbiltà ma jkunx hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni kif meħtieġ mil-leġislazzjoni msemmija, jew jekk din il-polza ma jkollhiex seħħ għal xi raġuni li ma tkunx dik li l-assiguratur ma jkunx jista' jħallas, u din ir-responsabbiltà ma tkunx ġiet sodisfatta kollha kemm hi fi żmien tmienja u għoxrin jum mill-ġurnata li fiha l-persuna jew persuni li favur tagħhom tkun ingħatat dik id-deċiżjoni kellhom id-dritt li jesegwuha, f'dan il-każ, jekk ma jkunx hemm assiguratur konċernat, il-Fond [għall-Protezzjoni u Kumpens] għandu, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jagħmel ħlasijiet lill-persuna jew persuni li favur tagħhom tkun ingħatat dik id-deċizjoni, mill-fondi li jkunu mwarrbin biex jintużaw għal ħlas taż kumpens ta' responsabbiltajiet protetti:*

*»Iżda ebda ħlasijiet ma jistgħu jsiru taħt dan ir-regolament meta d-deċizjoni tkun għar-rigward ta' vettura li l-użu tagħha jkun kopert minn sigurtà (jew fin-nuqqas ta' dik is-sigurtà minn depożitu) skond il-leġislazzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja sakemm ma jkunx hemm ukoll fis-seħħ, għar-rigward ta' din il-vettura, polza ta' assigurazzjoni intiża biex tkopri dak l-użu tal-vettura.«*

*"21. Dan l-aggravju huwa wkoll, għalhekk, miċħud.*

*"22. It-tielet aggravju igħid hekk:*

*»Illi l-ewwel onorabbli qorti kienet ukoll skoretta meta ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-esponenti intervenuti fil-kawża, għax kellha minflok tiċħad it-tielet talba attriċi billi l-persuni li lilhom is-soċjetà attriċi qed tippretendi li ma tħallasx id-danni kkawżati mill-vettura minnha assigurata ma ddaħħlux bħala parti fll-kawża. Dan għaliex is-soċjetà attriċi ma talbitx sempliċement in-nullità tal-polza ta' assigurazzjoni kif isir is-soltu f'kawżi ta' dina x-xorta, iżda marret pass oltre u talbet ukoll dikjarazzjoni ġudizzjarja ulterjuri, permezz tat-tielet talba attriċi, li mhix obbligata tħallas danni lill-vittmi tal-inċident in kwistjoni. Ġaldarba saret ukoll dina t-talba addizzjonali t-terzi in kwistjoni kellhom jiddaħħlu fil-kawża u, fin-nuqqas ta' dan, dina t-talba qatt ma setgħet tintlaqa'.«*

*"23. L-attriċi talbet mhux biss it-tħassir tal-polza iżda wkoll li ma tkunx marbuta tħallas taħt il-polza għax hekk igħid l-art. 10 tal-Kap. 104. L-art. 10 ma jridx li t-terzi jkunu bilfors parti fil-kawża iżda biss illi jingħataw avviż biex, jekk iridu, jidħlu fil-kawża, kif igħid il-proviso għall-art. 10.*

*"24. Għal din ir-raġuni dan l-aħħar aggravju wkoll huwa miċħud, u huwa għalhekk miċħud l-appell tal-intervenuti.*

*"25. Ngħaddu issa għall-appell inċidentali ta' Middlesea. Dan l-aggravju jolqot dik il-parti tas-sentenza appellata li tgħid illi "l-poloz qed jitħassru għal dak li jikkonċerna r-relazzjoni interna bejnha u l-intimat Ciantar".*

*"26. Ġà rajna illi din id-deċiżjoni ma hijiex kompatibbi maċ-ċaħda tat-tieni eċċezzjoni tal-intervenuti, u hija wkoll inkompatibbli mal-motivazzjoni tas-sentenza. Kif sewwa wara kollox osservaw l-intervenuti stess fir-rikors tal-appell tagħhom, il-ħlas li jsir mill-assiguratur f'ċirkostanzi bħal dawk tal-kawża tallum isir lil terzi – lill-vittmi – u mhux lill-assigurat u għalhekk id-dritt li jagħti l-art. 10 tal-Kap. 104 hu li ma jsir ħlas lil ħadd taħt il-polza, u mhux biss li ma jsirx ħlas lill-assigurat, kif timplika d-deċiżjoni li minnha sar l-appell inċidentali. L-aggravju għalhekk għandu jintlaqa'.*

*"27. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell tal-intervenuti u tilqa' l-appell inċidentali tal-attriċi. Tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn iddisponiet illi "tilqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti b'dan li l-poloz qed jitħassru għal dak li jikkonċerna r-relazzjoni interna bejnha u l-intimat Ciantar" u, minflok, tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi kif magħmula; tikkonferma s-sentenza fil-bqija.*

*"L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu regolati kif iddisponiet is-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell tal-intervenuti jħallsuhom l-istess intervenuti u l-ispejjeż tal-appell inċidentali tal-attriċi jħallashom il-konvenut Ciantar*";

11. Illi r-rikorrenti jsejsu t-talba tagħhom għat-tħassir tas-sentenza attakkata fuq tliet (3) kawżali li tnejn minnhom – li s-sentenza ngħatat fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba u li kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti tal-kawża – jistgħu jitqiesu flimkien. Il-kawżali l-oħra hija li s-sentenza attakkata ħaddmet il-liġi ħażin;

12. Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis l-ewwel u flimkien it-talba għar-ritrattazzjoni msejsa fuq il-kawżali maħsuba fl-Artikoli 811(f) u 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex jidher li r-rikorrenti rabtuhom flimkien fir-rikors li bih fetħu din il-proċedura;

13. Illi r-rikorrenti jqisu li waħda mir-raġunijiet ewlenin għaliex qegħdin jitolbu t-tħassir tas-sentenza attakkata ġejja mill-fatt li, waqt is-smigħ li sar

quddiem din il-Qorti fl-4 ta' Frar, 2019, sar verbal u din il-Qorti naqset għal kollox milli ssemmih fis-sentenza attakkata u lanqas jidher li tat każ x'kien ingħad fih. Il-verbal imsemmi sar mill-avukat tal-kumpanija ritrattata dakinhar li l-partijiet ittrattaw l-appell u minnufih wara li ntemmet it-trattazzjoni. Il-verbal kien jgħid hekk: "*L-Avukat Christine Calleja għall-appellanti inċidentali ddikjarat li s-soċjetà assistita minnha taqbel li għandhom jiġu applikati l-prinċipji tal-kawża* ***Montalto Insurance v. Buġeja*** *deċiża minn din il-Qorti diversament komposta fl-2017 iżda żżomm ferm fuq il-kap tal-ispejjeż relattivi għall-appell*"[5];

14. Illi f'din iċ-ċirkostanza r-rikorrenti jqisu li dak li ngħad fil-verbal, mhux biss kellu impatt fuq il-kwistjoni ewlenija li kienet imressqa mill-partijiet quddiem din il-Qorti (jekk soċjetà assikuratriċi tibqax marbuta li tirrisarċixxi lil terzi jekk il-polza ta' assikurazzjoni titħassar), iżda kellu jkun determinanti wkoll fl-għoti tas-sentenza attakkata. Ir-rikorrenti jgħidu li bis-saħħa ta' dak li ssemma fil-verbal, ir-ritrattata kienet uriet li ma kienx għad fadlilha interess fl-appell inċidentali li hija ressqet mis-sentenza tal-Qorti tal-ewwel istanza, tant li kienet irriżervat biss il-kap tal-ispejjeż. B'dan il-mod, meta din il-Qorti, fis-sentenza attakkata, naqset milli mqar tagħti każ dak li ngħad fl-imsemmi verbal, kienet qatgħet dwar appell li min ressqu kien irrinunzja għalih. Kemm hu hekk, is-sentenza attakkata kienet saħansitra laqgħet dak l-appell inċidentali minkejja r-rinunzja;

---

[5] Paġ. 231 tal-proċess

15. Illi r-rikorrenti jgħidu li, għalhekk, is-sentenza attakkata ngħatat bi ksur ta' dak li jrid l-Artikolu 228(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li ma jagħtix appell lil dik il-parti li toqgħod għal sentenza bir-rinunzja għall-appell. Minbarra dan, bil-fatt li s-sentenza attakkata ma semmiet bl-ebda mod – la favur u lanqas kontra – dak li kien ingħad fil-verbal imsemmi, iġib li s-sentenza attakkata qatgħet fuq xi ħaġa li ma kinitx iżjed imdaħħla fit-talba. Ma' dan ir-rikorrenti jżidu li l-istess sentenza attakkata hija l-frott ta' żball li joħroġ mill-atti tal-kawża għaliex dak li ngħad fil-verbal kien jinċidi fuq jekk il-Qorti messhiex aktar qieset l-appell inċidentali u liema żball ma kienx fil-fatt punt ikkontestat li ġie deċiż bis-sentenza;

16. Illi din il-Qorti hija tal-fehma li taħt il-kawżali tal-*extra petita* huwa meħtieġ li wieħed jara x'ikun intalab fl-att promotur. Il-kriterju hu li t-talba f'kawża titqies minn dak li jissemma fl-att li bih il-kawża tinbeda. Mill-formulazzjoni ta' dak l-att tal-bidu, wieħed ikun jista' jqis jekk dak mogħti fis-sentenza jkunx għal kollox 'il barra minn dak li ntalab (*extra petita*) jew ikunx aktar minn dak li ntalab (*ultra petita).* Ikun hemm każ ta' eċċess bħal dan fejn il-ġudikant "jibbaża r-raġuni tad-deċiżjoni fuq titolu, kawżali jew fatt ġuridiku, essenzjalment differenti minn dak li, permezz ta' azzjoni jew eċċezzjoni, jiġi dedott mill-partijiet in sostenn tal-konklużjonijiet tagħhom"[6]. Dan il-każ ma jgħoddx fih iċ-ċirkostanza fejn Qorti tipprovdi

[6] Merċieca Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi, paġ. 145

rimedju li, għalkemm ma jissemmiex bħala talba espressa, joħroġ *ex necessaria consequentia* minn talba oħra li tkun magħmula[7];

17. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum ir-rikorrenti ma jirriferux għall-att li bih infetħet il-kawża jew għat-talbiet li saru fiha, imma għal appell (inċidentali) imressaq minn sentenza tal-ewwel istanza li ddeċidiet dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet li tressqu quddiemha bla ma tat aktar minn dak li ntalab. Għalhekk, f'dan il-każ, wieħed irid jara jekk jeżistux l-elementi li jwasslu għat-tħassir ta' sentenza fejn parti tkun irrinunzjat għall-appell tagħha u s-sentenza attakkata tkun ingħatat dwar dak l-appell. Il-Qorti tirrileva li l-kumpanija ritrattata ma ċedietx formalment l-appell inċidentali tagħha, u minħabba dak li ngħad fil-verbal imsemmi, qiegħda tqis li hija kienet irrinunzjat għalih;

18. Illi l-Qorti hija tal-fehma li ċ-ċirkostanzi msemmija mir-rikorrenti ma jwasslux biex din il-Qorti tħassar is-sentenza attakkata fuq il-bażi tal-*extra petita*. Kemm hu hekk, u kif ingħad qabel, huwa mgħallem li "*sotto la denominazione di 'domanda' s'intende, secondo la legge, come risulta dall'art. 143 e 173, delle dette leggi, l'azione dedotta nel libello, o nella citazione, e non già l'istanza che si fa in grado di appello per la revoca, riforma, o conferma della sentenza*"[8];

---

[7] App. Ċiv. **5.2.1934** fil-kawża fl-ismijiet ***Saguna pro et noe v. Vella*** (Kollez. Vol: **XXVIII.i.818**)
[8] App. Ċiv. **7.5.1859** fil-kawża fl-ismijiet ***Dingli v. Farrugia*** (Kollez. Vol: **I.232)** u App. Ċiv. **18.11.1863** fil-kawża fl-ismijiet ***Dimech noe v. Gatt et*** (Kollez. Vol: **II.702**) u App. Ċiv. **19.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Hector Tanti et v. Alfio Micallef Grimaud et*** §11.2

19. Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li din il-kawżali ma hijiex mistħoqqa u ma hemmx lok biex is-sentenza attakkata titħassar minħabba l-*extra petizzjoni*;

20. Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jinbena fuq l-iżball li joħroġ mill-atti (Art. 811(l) tal-Kap 12), għandhom isiru konsiderazzjonijiet oħrajn. Għall-finijiet ta' din il-kawżali, huwa meħtieġ li wieħed iqis sewwa x'inhu dak li tgħid il-liġi sabiex tali kawżali titqies mistħoqqa. Il-liġi titkellem b'mod ċar dwar liema żball irid ikun biex iwassal ħalli sentenza tista' titħassar. Tali żball irid joħroġ mis-sentenza nnifisha[9] u jkun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u dan biss fil-każ li d-deċiżjoni tkun imsejsa fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun eskluża għal kollox jew fuq is-suppożizzjoni li l-fatt ma jeżistix. F'kull każ, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza;

21. Illi, fuq kollox, l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta' fatt. Kemm hu hekk, dan huwa li jagħraf smigħ mill-ġdid ta' kawża fuq din id-dispożizzjoni minn smigħ mill-ġdid ta' kawża taħt il-paragrafu (e) tal-Artikolu 811[10], li jirreferi għal żball ta' liġi. Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti nfushom, għaliex mhux imħolli li

[9] App. Ċiv. **3.4.1922** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonniċi v. Galea Naudi*** (Kollez. Vol: **XXV.i.137**)
[10] Ara App. Ċiv. **20.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Dalli v. Sare'*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.373**)

jitressqu provi biex jippruvaw tali żball[11]. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan m'huwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant[12];

22. Illi, b'żieda ma' dan, l-iżball li jwassal għat-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża irid ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant fis-sens li kien il-fondament ewlieni tas-sentenza[13]. B'dan il-mod, ingħad li ma hemmx lok għat-tħassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, għalkemm vizzjata minn żball ta' fatt manifest, tkun tista' tiġi mod ieħor imwieżna b'raġunijiet oħrajn indipendenti minn tali żball[14]. Fuq kollox, ma titħalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt żbaljat ikun punt li ġie kkontestat u deċiż fis-sentenza attakkata[15];

23. Illi fil-każ li dwaru jilmentaw ir-rikorrenti, jidher ċar li s-sentenza attakkata ma qisitx dak li ssemma fil-verbal li sar qabel ma l-appell kien tħalla għas-sentenza. Kif sewwa jgħidu r-rikorrenti, dak il-verbal kien rilevanti u xejn anqas determinanti. Minbarra dan, verbal magħmul matul is-smigħ ta' kawża joħloq ukoll effetti legali fuq il-partijiet u, sa ċertu punt,

[11] App Ċiv. **22.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***John Żammit v. Michael Żammit Tabona et***
[12] P.A. GV **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Rota noe v. Mary Camilleri et***
[13] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Gourmet Company Ltd. et v. Mariano Vella et*** § 8
[14] App. Ċiv. **18.6.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud v. Żahra*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.323**)
[15] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***M'Louise Muscat Inglott et v. Louis Manduca***

fuq il-Qorti li quddiemha jkun sar[16]. Dan jingħad għaliex kemm-il darba ngħad li verbal jikkostitwixxi kważi-kuntratt ġudizzjali li jagħti fidi pubblika[17] għal dak li jkun ingħad fih u jorbot lill-istess partijiet[18] u ma jitħassarx jekk mhux bir-rieda tal-partijiet kollha[19];

24. Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti għalkemm ir-ritrattata ma ċedietx formalment l-appell inċidentali tagħha b'Nota, ma hemm l-ebda dubju li l-verbal magħmul mill-avukat tagħha fl-4 ta' Frar tal-2019 kien jikkostitwixxi rinunzja ċara ta' dak l-appell, ħlief għall-kap tal-ispejjeż. Dan ifisser li din il-Qorti ma setgħetx ma tqisx id-dikjarazzjoni li saret fih u liema dikjarazzjoni kienet tolqot il-ħajja tal-imsemmi appell inċidentali. Għalhekk, safejn is-sentenza attakkata ippronunċjat dwar l-imsemmi appell inċidentali tar-ritrattata, dan sar meta l-istess parti kienet uriet li m'għadhiex tinsisti aktar dwaru jekk mhux biss dwar il-kap tal-ispejjeż. Dik il-parti tas-sentenza attakkata ngħatat minkejja li l-atti tal-kawża kienu jgħidu mod ieħor u jidher li dan jikkostitwixxi l-iżball li joħroġ mill-atti li dwaru jitkellem l-Artikolu 811(l) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Fuq kollox, dak l-iżball kien wieħed materjali, manifest u fuq kollox determinanti fuq l-eżitu tas-sentenza attakkata. Minbarra

---

[16] P.A. **11.12.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartolo et v. Caruana*** (Kollez. Vol: **LXXVI.iii.645**) u App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Samuel Carmel Baldacchino v. Jesmond Aquilina***
[17] App. Inf. PS **23.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***David Debono v. Emanuel Grogan***
[18] App. Ċiv. **13.3.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono v. Debono*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.99**)
[19] App. Ċiv. **30.3.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur tal-Agrikoltura v. Galea*** (Kollez. Vol: **LXXI.ii.130**)

dan, dak l-iżball joħroġ minn ċirkostanza li ma kinitx deċiża bis-sentenza attakkata;

25. Illi dan kollu jwassal lil din il-Qorti biex issib li safejn it-talba għat-tħassir tas-sentenza attakkata jissejjes fuq il-kawżali tal-iżball, din it-talba hija mistħoqqa u l-Qorti sejra tilqagħha;

26. Illi ladarba t-talba għat-tħassir tas-sentenza attakkata sejra tintlaqa' fuq dik il-kawżali, il-Qorti ma tara l-ebda ħtieġa li tqis ukoll il-kawżali tat-tħaddim ħażin tal-liġi taħt l-Artikolu 811(e) tal-istess Kodiċi;

***Decide:***

27. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrenti ritrattandi u għalhekk tħassar is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Marzu, 2020, fil-kawża fl-ismijiet premessi u tordna li l-appell jinstema' mill-ġdid. Tipprovdi dwar l-**ispejjeż** fis-sentenza finali.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R. Micallef<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm